SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

21 ta' Marzu 2024 * [i]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) 2019/1157 – Tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea – Validità – Bażi legali – Artikolu 21(2) TFUE – Artikolu 77(3) TFUE –Regolament (UE) 2019/1157 – Artikolu 3(5) – Obbligu għall-Istati Membri li jintegraw fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità żewġ marki tas-swaba' f'formati diġitali interoperabbli –Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rispett tal-ħajja privata u tal-familja – Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 35 – Obbligu li titwettaq valutazzjoni tal-impatt relatata mal-protezzjoni tad-data – Żamma tal-effetti ta' regolament iddikjarat invalidu *ratione temporis*"

Fil-Kawża C-61/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Jannar 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-1 ta' Frar 2022, fil-proċedura

RL

vs

Landeshauptstadt Wiesbaden,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev, A. Prechal, E. Regan (Relatur), T. von Danwitz, F. Biltgen u Z. Csehi, Presidenti ta' Awla, J.-C. Bonichot, S. Rodin, D. Gratsias, M. L. Arastey Sahún u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Unità,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Marzu 2023,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal RL, minn W. Achelpöhler, Rechtsanwalt,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u P.-L. Krüger, bħala aġenti,

– għall-Gvern Belġjan, minn P. Cottin u A. Van Baelen, bħala aġenti, assistiti minn P. Wytinck, advocaat,

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz, bħala aġent,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Parlament Ewropew, minn G. C. Bartram, P. López-Carceller u J. Rodrigues, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn M. França u Z. Šustr, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Kranenborg, E. Montaguti u I. Zaloguin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fis-seduta tad-29 ta' Ġunju 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità tar-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU 2019, L 188, p. 67), u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 3(5) tiegħu.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn RL u l-Landeshauptstadt Wiesbaden (il-belt ta' Wiesbaden, il-kapitali tal-Land, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem il-"belt ta' Wiesbaden") dwar iċ-ċaħda minn din tal-aħħar tat-talba tagħha sabiex toħorġilha karta tal-identità li ma tinkludix marki tas-swaba.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament 2019/1157

3 Il-premessi 1, 2, 4, 5, 17 sa 21, 23, 26 sa 29, 32, 33, 36, 40 sa 42 u 46 tar-Regolament 2019/1157 huma fformulati kif ġej:

"(1) It-Trattat [UE] huwa intiż li jiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni filwaqt li jiżgura il-ħarsien u s-sigurtà tal-popli tal-Ewropa, billi jistabbilixxu spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat [UE u t-Trattat FUE].

(2) Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni [Ewropea] tikkonferixxi fuq kull ċittadin tal-Unjoni d-dritt ta' moviment liberu, soġġett għal ċerti limitazzjonijiet u kundizzjonijiet. Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU 2004, L 158, p. 77),] tagħti effett lil dak id-dritt. L-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") jipprevedi wkoll libertà ta' moviment u ta' residenza. Il-libertà ta' moviment tinvolvi d-dritt ta' ħruġ u ta' dħul fl-Istati Membri b'karta tal-identità jew passaport validu.

[...]

(4) Id-Direttiva [2004/38] jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jirrifjutaw, itemmu jew jirtiraw kwalunkwe dritt konferit minn dik id-Direttiva f'każ ta' abbuż tad-drittijiet jew frodi. Il-falsifikazzjoni ta' dokumenti jew il-preżentazzjoni falza ta' fatt materjali li jikkonċerna l-kundizzjonijiet marbuta mad-dritt ta' residenza ġew identifikati bħala każijiet tipiċi ta' frodi skont dik id-Direttiva.

(5) Jeżistu differenzi konsiderevoli bejn il-livelli ta' sigurtà tal-karti tal-identità nazzjonali maħruġa mill-Istati Membri u l-permessi ta' residenza għal ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u l-membri tal-familja tagħhom. Dawk id-differenzi jżidu r-riskju ta' falsifikazzjoni u frodi tad-dokumenti u jwasslu wkoll għal diffikultajiet prattiċi għaċ-ċittadini meta jkunu jixtiequ jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu. Statistiċi min-Netwerk Ewropew tal-Analiżi tar-Riskju tal-Frodi ta' Dokumenti juru li inċidenti ta' karti tal-identità frodulenti żdiedu mal-mogħdija taż-żmien.

[...]

(17) Karatteristiċi tas-sigurtà huma neċessarji biex jiġi vverifikat jekk dokument huwiex awtentiku u biex tiġi stabbilita l-identità ta' persuna. L-istabbiliment ta' standards minimi tas-sigurtà u l-integrazzjoni ta' data bijometrika fil-karti tal-identità u l-karti ta' residenza ta' membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru huma passi importanti biex l-użu tagħhom fl-Unjoni jsir aktar sigur. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta' dawn l-identifikaturi bijometriċi tippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.

(18) Il-ħżin ta' immaġni tal-wiċċ u żewġ marki tas-swaba' ("data bijometrika") fuq il-karti ta' residenza u tal-identità, kif diġà previst fir-rigward tal-passaporti bijometriċi u l-permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, jirrappreżenta taħlita xierqa ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni affidabbli b'riskju mnaqqas ta' frodi, bl-iskop li tissaħħaħ is-sigurtà tal-karti ta' residenza u tal-identità.

(19) Bħala prattika ġenerali, jenħtieġ li l-Istati Membri, għall-verifika tal-awtenticità tad-dokument u l-identità tad-detentur, jivverifikaw primarjament l-immaġni tal-wiċċ u, meta jkun meħtieġ biex jikkonfermaw mingħajr dubju l-awtenticità tad-dokument u l-identità tad-detentur, l-Istati Membri jenħtieġ li jivverifikaw ukoll il-marki tas- swaba'.

(20) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, f'każijiet meta verifika ta' data bijometrika ma tikkonfermax l-awtenticità tad-dokument jew l-identità tad-detentur tiegħu, kontroll manwali obbligatorju jitwettaq minn persunal ikkwalifikat.

(21) Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri, li hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali li trid tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni.

[...]

(23) Għall-fini ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-[Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonal (ICAO)] dwar dokumenti li jinqraw minn magna li jiżguraw interoperabbiltà globali inkluż b'rabta mal-qari tad-dokumenti minn magna u l-użu ta' spezzjoni viżiva.

[...]

(26) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' proċeduri xierqa u effettivi għall-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi u li tali proċeduri jikkonformaw mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill tal-Ewropa[, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950,] u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal[, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-20 ta' Novembru 1989 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1577, p. 3), u li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990]. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interess tat-tfal ikun kunsiderazzjoni primarja matul il-proċedura tal-ġbir. Għal dak il-għan, il-persunal kwalifikat jenħtieġ li jirċievi taħriġ xieraq dwar prattiki adatti għat-tfal għall-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi.

(27) Meta jinstabu diffikultajiet fil-ġbir tal-identifikaturi bijometriċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm stabbiliti proċeduri xierqa biex jirrispettaw id-dinjità tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li jitqiesu kunsiderazzjonijiet speċifiċi relatati mal-ġeneru u mal-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u tal-persuni vulnerabbli.

(28) Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' standards minimi ta' sigurtà u tal-format għall-karti tal-identità tippermetti li l-Istati Membri joqgħodu fuq l-awtenticità ta' dawk id-dokumenti meta ċ-ċittadini tal-Unjoni jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu. L-introduzzjoni ta' standards tas-sigurtà msaħħa jenħtieġ li tipprovdi garanziji suffiċjenti lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-entitajiet privati sabiex tippermettilhom isserrħu fuq l-awtenticità tal-karti tal-identità meta jintużaw miċ-ċittadini tal-Unjoni għal finijiet ta' identifikazzjoni.

(29) Sinjal ta' distinzjoni fil-forma tal-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ id-dokument stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi 12-il stilla safra, jiffaċilita l-ispezzjoni viżiva tad-dokument, b'mod partikolari meta d-detentur ikun qiegħed jeżerċita d-dritt ta' moviment liberu.

[...]

(32) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-data bijometrika tidentifika b'mod korrett il-persuna li lilha tinħareġ karta tal-identità. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw il-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi, b'mod partikolari l-immaġni tal-wiċċ, permezz ta' reġistrazzjoni diretta mill-awtoritajiet nazzjonali li joħorġu karti tal-identità.

(33) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiskambjaw ma' xulxin tali informazzjoni skont kif ikun meħtieġ għall-aċċess, l-awtentikazzjoni u l-verifika tal-informazzjoni li tinsab fil-mezz ta' ħżin sigur. Il-formati użati għall-mezz ta' ħżin sigur jenħtieġ li jkunu interoperabbli, inkluż fir-rigward ta' punti awtomatizzati tal-qsim tal-fruntiera.

[...]

(36) Jenħtieġ li dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni jinkludu informazzjoni speċifika biex jiġi żgurat li huma jiġu identifikati bħala tali fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li dan jiffaċilita r-rikonoxximent tal-użu tad-dritt ta' moviment liberu miċ-ċittadini mobbli tal-Unjoni, kif ukoll tad-drittijiet li huma inerenti għal dan l-użu, iżda jenħtieġ li l-armonizzazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa xieraq biex tiġi indirizzata d-dgħufija tad-dokumenti attwali. L-Istati Membri huma ħielsa li jagħżlu l-format li fih jinħarġu dawn id-dokumenti u jistgħu joħorġuhom f'format konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO.

[...]

(40) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar' il quddiem il-"GDPR")] japplika fir-rigward tad-data personali li trid tiġi pproċessata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Huwa neċessarju li jiġu speċifikati aktar salvagwardji applikabbli għad-data personali proċessata, u b'mod partikolari għad-data sensittiva bħall-identifikaturi bijometriċi. Jenħtieġ li s-suġġetti tad-data jkunu konxji li fid-dokumenti tagħhom jeżisti mezz ta' ħżin li jkun fih id-data bijometrika tagħhom, inkluża l-aċċessibbiltà tiegħu mingħajr kuntatt kif ukoll l-istanzi kollha meta tintuża d-data maħżuna fil-karti tal-identità u fid-dokumenti ta' residenza tagħhom. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li s-suġġetti tad-data jkollhom aċċess għad-data personali pproċessata fil-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza tagħhom u li jkollhom id-dritt li jirrettifikawhom permezz tal-ħruġ ta' dokument ġdid meta tali data tkun żbaljata jew mhux kompluta. Il-mezz ta' ħżin jenħtieġ li jkun sigur ħafna u li jipproteġi b'mod effettiv id-data personali maħżuna fuqu minn aċċess mhux awtorizzat.

(41) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-ipproċessar xieraq tad-data bijometrika, mill-ġbir sal-integrazzjoni tad-data fil-mezz ta' ħżin sigur ħafna, f'konformità ma[l-GDPR].

(42) Jenħtieġ li l-Istati Membri jeżerċitaw attenzjoni partikolari meta jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi. Jenħtieġ li tali kooperazzjoni ma teskludi l-ebda responsabbiltà tal-Istati Membri li tinħoloq taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali għall-ksur ta' obbligi fir-rigward ta' data personali.

[...]

(46) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb is-sigurtà u sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-[TUE]. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir- Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet".

4 L-Artikolu 1 tar-Regolament 2019/1157, intitolat "Suġġett", jipprovdi:

"Dan ir-Regolament isaħħaħ l-istandards tas-sigurtà applikabbli għall-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom, kif ukoll għad-dokumenti ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu".

5 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jistabbilixxi:

"Dan ir-Regolament japplika għal:

(a) karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom stess, kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva [2004/38];

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal dokumenti ta' identifikazzjoni maħruġa fuq bażi proviżorja b'perjodu ta' validità ta' inqas minn sitt xhur.

(b) ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva [2004/38] liċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru ospitanti għal aktar minn tliet xhur, u għal dokumenti li jiċċertifikaw residenza permanenti maħruġa f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva [2004/38] liċ-ċittadini tal-Unjoni malli japplikaw;

(c) karti ta' residenza maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva [2004/38] lil membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru u karti ta' residenza permanenti maħruġa f'konformità mal-Artikolu 20 tad-Direttiva [2004/38] lil membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru".

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Standards tas-sigurtà/format/speċifikazzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafi 5 sa 7 u 10 tiegħu:

"5. Il-karti tal-identità għandhom jinkludu mezz ta' ħżin sigur ħafna li għandu jkun fih data bijometrika li tikkonsisti esklużivament f'immaġni tal-wiċċ tad-detentur tal-karta u żewġ marki tas-swaba' f'formati diġitali interoperabbli. Għall-ġbir tal-identifikaturi bijometriċi, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif stabbiliti mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767[, tat-30 ta' Novembru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz u li tħassar id-Deċiżjoni C (2002) 3069].

6. Il-mezz ta' ħżin għandu jkollu biżżejjed kapaċità biex jiggarantixxi l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data. Id-data maħżuna għandha tkun aċċessibbli f'forma mingħajr kuntatt u

miżmuma sigura kif previst fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2018)7767. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa biex jawtentikaw il-mezz ta' ħżin u biex jaċċedu għad-data bijometrika msemmija fil-paragrafu 5 u jivverifikawha.

7. It-tfal ta' taħt it-12-il sena jistgħu ikunu eżentati mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-swaba'.

It-tfal ta' taħt is-6 snin għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-swaba'.

Persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba' għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-swaba'.

[...]

10. Meta l-Istati Membri jaħżnu data għas-servizzi elettroniċi, bħall-gvern elettroniku u l-kummerċ elettroniku, fil-karti tal-identità, tali data nazzjonali għandha tkun fiżikament jew loġikament separata mid-data bijometrika msemmija fil-paragrafu 5".

7 Skont il-kliem tal-Artikolu 5 tal-istess regolament, intitolat "Eliminazzjoni gradwali":

"1. Karti tal-identità li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3 ma għandhomx jibqgħu validi malli jiskadu jew sat-3 ta' Awwissu 2031, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel.

2. B'deroga mill-paragrafu 1:

(a) karti tal-identità li [...] ma jkunux jinkludu parti funzjonali li tinqara minn magna (machine-readable zone, MRZ), kif definit fil-paragrafu 3, ma għandhomx jibqgħu validi malli jiskadu jew sat-3 ta' Awwissu 2026, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel;

[...]

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, parti funzjonali li tinqara minn magna (MRZ) għandha tfisser:

(a) parti li tinqara minn magna konformi mal-parti 3 tad-Dokument 9303 tal-ICAO; jew

(b) kwalunkwe parti oħra li tinqara minn magna li għaliha l-Istat Membru emittenti jinnotifika r-regoli meħtieġa għall-qari u għall-wiri tal-informazzjoni li tinsab fiha, sakemm Stat Membru ma jinnotifikax lill-Kummissjoni [Ewropea], sat-2 ta' Awwissu 2021, dwar in-nuqqas ta' kapaċità tiegħu li jaqra u juri din l-informazzjoni.

[...]".

8 L-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/1157, intitolat "Informazzjoni minima li trid tiġi indikata", jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Dokumenti ta' residenza meta jkunu maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jindikaw mill-inqas dan li ġej:

[...]

(f) l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikati u d-dokumenti ta' reġistrazzjoni li jiċċertifikaw ir-residenza permanenti, maħruġa f'konformità mal-Artikoli 8 u 19 tad-Direttiva [2004/38], rispettivament;

[...]".

9 L-Artikolu 10 ta' dan r-regolament, intitolat "Ġbir ta' identifikaturi bijometriċi", jipprevedi:

"1. L-identifikaturi bijometriċi għandhom jinġabru biss minn persunal kwalifikat u debitament awtorizzat maħtur mill-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' karti tal-identità jew karti ta' residenza għall-fini li jiġu integrati fil-mezz ta' ħżin sigur ħafna previst fl-Artikolu 3(5) għall-karti tal-identità u fl-Artikolu 7(1) għall-karti ta' residenza. B'deroga mill-ewwel sentenza, il-marki tas-swaba' għandhom jinġabru biss minn persunal kwalifikat u debitament awtorizzat ta' dawk l-awtoritajiet, ħlief fil-każ ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari tal-Istat Membru.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-identifikaturi bijometriċi mal-identità tal-applikant, l-applikant għandu jidher personalment mill-inqas darba matul il-proċess ta' ħruġ għal kull applikazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm proċeduri xierqa u effettivi għall-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi u li dawk il-proċeduri jikkonformaw mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Meta jinstabu diffikultajiet fil-ġbir tal-identifikaturi bijometriċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm stabbiliti proċeduri xierqa biex jirrispettaw id-dinjità tal-persuna kkonċernata.

3. Barra meta jkun obbligatorju għall-fini ta' pproċessar f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, l-identifikaturi bijometriċi maħżuna għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza għandhom jinżammu b'mod sigur ħafna u biss sad-data tal-ġbir tad-dokument u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ ta' dak id-dokument. Wara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih".

10 L-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament, intitolat "Protezzjoni ta' data personali u responsabbiltà", jistabbilixxi, fil-paragrafi 4 u 6 tiegħu:

"4. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa tal-Istat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.

[...]

6. Id-data bijometrika maħżuna fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza għandha tintuża biss f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, mill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-aġenziji tal-Unjoni, għall-fini li jivverifikaw:

(a) l-awtentiċità tal-karta tal-identità jew id-dokument ta' residenza;

(b) l-identità tad-detentur permezz ta' karatteristiċi komparabbli direttament disponibbli meta jkun obbligatorju bil-liġi li tintwera l-karta tal-identità jew jintwera d-dokument ta' residenza".

11 L-Artikolu 14 tal-istess regolament, intitolat "Speċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali ", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Sabiex jiġi żgurat, meta jkun xieraq, li l-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 2 jikkonformaw ma' standards minimi tas-sigurtà futuri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali, relatati ma' dan li ġej:

(a) karatteristiċi u rekwiżiti ta' sigurtà addizzjonali, inklużi standards imsaħħa kontra l-falsifikazzjoni u l-kontrafazzjoni;

(b) speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-mezz ta' ħżin tal-karatteristiċi bijometriċi msemmija fl-Artikolu 3(5) u s-sigurtà tagħhom, inkluża l-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat u l-faċilitazzjoni tal-validazzjoni;

(c) rekwiżiti għall-kwalità u standards tekniċi komuni għall-immaġni tal-wiċċ u l-marki tas-swaba'.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2) jista' jiġi deċiż li l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu sigrieti u ma għandhomx jiġu ppubblikati. [...]".

2. Il-GDPR

12 Il-premessa 51 tal-GDPR tistabbilixxi:

"Data personali, li min-natura tagħha, tkun partikolarment sensittiva fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jistħoqqilha protezzjoni speċifika billi l-kuntest tal-ipproċessar tagħha jista' joħloq riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. [...] L-ipproċessar ta' ritratti m'għandhux sistematikament jitqies bħala pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali peress li dawn ikunu koperti bid-definizzjoni ta' data bijometrika biss meta jiġu pproċessati b'mezz tekniku speċifiku li jippermetti l-identifikazzjoni unika jew l-awtentikazzjoni ta' persuna fiżika. Tali data personali ma għandhiex tiġi pproċessata, għajr jekk l-ipproċessar ikun permess f'każijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'kont meħud li l-liġi tal-Istati Membri tista' tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni ta' data sabiex tadatta l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament għal konformità ma' obbligu legali jew għall-prestazzjoni ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur. Minbarra r-rekwiżiti speċifiċi għal dan l-ipproċessar, il-prinċipji ġenerali u regoli oħra ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondizzjonijiet għal ipproċessar legali. Id-derogi mill-projbizzjoni ġenerali għall-ipproċessar ta' tali kategoriji speċjali ta' data personali għandhom jiġu previsti b'mod espliċitu, fost oħrajn fejn is-suġġett tad-data jagħti l-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha jew fir-rigward ta' ħtiġijiet speċifiċi [...]".

13 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[...]

(2) 'ipproċessar' tfisser kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

[...]

(7) 'kontrollur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali; fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

[...]".

14 L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali ", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-ipproċessar ta' data personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' data ġenetika, data bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, data dwar is-saħħa jew data dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika huma projbiti".

15 L-Artikolu 35 tal-istess regolament, intitolat "Valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data", jipprovdi, fil-paragrafi 1, 3 u 10 tiegħu:

"1. Fejn tip ta' pproċessar, b'mod partikolari bl-użu ta' teknoloġiji ġodda, u waqt li jittieħed kont tan-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar, x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, il-kontrollur għandu, qabel l-ipproċessar, iwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-attivitajiet ta' pproċessar previsti fuq il-protezzjoni tad-data personali. Valutazzjoni waħda tista' tindirizza sett ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar simili li jippreżentaw riskji għolja simili.

[...]

3. Valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha b'mod partikolari tkun meħtieġa fil-każ ta':

(a) evalwazzjoni sistematika u estensiva tal-aspetti personali relatati ma' persuni fiżiċi, li hija bbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil tal-profili, u li fuqhom huma bbażati deċiżjonijiet li jipproduċu effetti legali li jikkonċernaw lill-persuna fiżika jew li jaffettwaw b'mod sinifikanti b'mod simili lill-persuna fiżika;

(b) l-ipproċessar fuq skala kbira ta' kategoriji speċjali ta' data msemmija fl-Artikolu 9(1), jew ta' data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati msemmija fl-Artikolu 10; jew

(c) il-monitoraġġ sistematiku ta' żona aċċessibbli għall-pubbliku fuq skala kbira.

[...]

10. Fejn l-ipproċessar skont il-punt (c) jew (e) tal-Artikolu 6(1) ikollu bażi legali fil-liġi tal-Unjoni jew fil-liġi tal-Istat Membru li l-kontrollur huwa suġġett għaliha, u dik il-liġi tirregola l-operazzjoni jew is-sett ta' operazzjonijiet ta' pproċessar speċifiċi inkwistjoni, u tkun diġà ġiet imwettqa valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data bħala parti minn valutazzjoni tal-impatt ġenerali fil-kuntest tal-adozzjoni ta' dik il-bażi legali, il-paragrafi 1 sa 3 ma għandhomx japplikaw sakemm l-Istati Membri ma jqisux li jkun meħtieġ li ssir tali valutazzjoni qabel l-attivitajiet tal-ipproċessar".

3. Ir-Regolament (UE) 2016/399

16 L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2016, L 77, p. 1, rettifika fil-ĠU 2020, L 245, p. 32), kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/458 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 (ĠU 2017, L 74, p. 1), jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Moviment transkonfini fi fruntieri esterni għandu jkun soġġett għal verifiki mill-gwardji tal-fruntiera. Il-verifiki għandhom jitwettqu skont dan il-kapitolu.

[...]

2. Mad-dħul u mal-ħruġ, persuni li għandhom id-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni għandhom ikunu suġġetti għall-verifiki li ġejjin:

(a) il-verifika tal-identità u n-nazzjonalità tal-persuna u tal-awtentiċità u l-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar għall-qsim tal-fruntiera, inkluż billi jkunu kkonsultati l-bażijiet ta' data rilevanti [...]

(b) il-verifika li persuna li tgawdi d-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni mhijiex meqjusa bħala theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri [...]

Fejn ikun hemm dubji dwar l-awtentiċità tad-dokument tal-ivvjaġġar jew l-identità tad-detentur tiegħu, għandu jiġi vverifikat mill-anqas wieħed mill-identifikaturi bijometriċi integrati fil-passaporti u fid-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 [tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2004, dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU 2006, L 153M, p. 375)]. Fejn possibbli, tali verifika għandha titwettaq ukoll fir-rigward ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li mhumiex koperti minn dak ir-Regolament.

[...]".

4. Id-Direttiva 2004/38

17 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Dritt ta' ħruġ", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet dwar dokumenti ta' vjaġġar applikabbli għall-kontroll fil-fruntieri nazzjonali, iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li għandhom karta ta' l-identità valida jew passaport validu u l-membri tal-familja tagħhom li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru u li għandhom passaport validu għandhom id-dritt li joħorġu mit-territorju ta' Stat Membru biex jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor.

[...]

3. Skond il-liġijiet tagħhom, l-Istati Membri għandhom joħorġu jew iġeddu għaċ-ċittadini tagħhom karta ta' l-identità jew passaport li jiddikjara ċ-ċittadinanza tagħhom".

18 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Dritt ta' dħul", jsemmi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet dwar dokumenti ta' vjaġġar applikabbli fil-kontrolli tal-fruntieri nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iħallu jidħlu fit-territorju tagħhom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li għandhom karta ta' l-identità jew passaport li huma validi, kif ukoll lill-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru li għandhom passaport validu.

L-ebda visa ta' dħul jew formalità ekwivalenti m'għandha tiġi mposta fuq iċ-ċittadini ta' l-Unjoni".

19 L-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, intitolat "Dritt ta' residenza sa tliet xhur", jistabbilixxi:

"1. Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur mingħajr xi kondizzjonijiet jew formalitajiet għajr il-ħtieġa li jkollhom karta ta' l-identità jew passaport li huma validi.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll għall-membri tal-familja li għandhom passaport validu li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru, li qed jakkumpanjaw jew li se jingħaqdu maċ-ċittadin ta' l-Unjoni".

20 L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Formalitajiet amministrattivi għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(5), għal perjodi ta' residenza ta' aktar minn tliet xhur, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni jirreġistraw ma' l-awtoritajiet rilevanti.

[...]

3. Biex jinħareġ iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu biss li:

– iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li għalihom japplika l-punt (a) ta' l-Artikolu 7(1) jippreżentaw karta' ta' l-identità jew passaport li huma validi, konferma ta' tħaddim minn dak li jħaddem jew ċertifikat ta' xogħol, jew prova li huma persuni li jaħdmu għal rashom,

– iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li għalihom japplika l-punt (b) ta' l-Artikolu 7(1) jippreżentaw karta ta' l-identità jew passaport li huma validi u jipprovdu prova li huma jissoddisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti hemm,

– iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li għalihom jirreferi l-punt (ċ) ta' l-Artikolu 7(1) jippreżentaw karta' ta' l-identità jew passaport li huma validi, jipprovdu prova ta' dħul f'istitut akkreditat u ta' assigurazzjoni ta' mard komprensiva u d-dikjarazzjoni jew mezzi ekwivalenti msemmija fil-punt (ċ) ta' l-Artikolu 7(1). L-Istati Membri jistgħu ma jeħtieġux li din id-dikjarazzjoni tirreferi għal xi ammont speċifiku ta' riżorsi".

5. Il-Ftehim Interistituzzjonali

21 Il-punti 12 u 14 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU 2016, L 123, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Ftehim Interistituzzjonali"), jistabbilixxu:

"12. [...]

Il-valutazzjonijiet tal-impatt huma għodda biex tgħin lit-tliet Istituzzjonijiet jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba u mhumiex sostitut għal deċiżjonijiet politiċi fil-proċess demokratiku tat-teħid ta' deċiżjonijiet. [...]

Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jkopru l-eżistenza, l-iskala u l-konsegwenzi ta' problema u l-kwistjoni dwar jekk hix meħtieġa azzjoni mill-Unjoni jew le. Huma jeħtieġ li jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi u, fejn possibbli, l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali fuq perijodu qasir u fit-tul, filwaqt li jivvalutaw l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali b'mod integrat u bbilanċjat u jużaw kemm l-analiżi kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva. Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għandhom jiġu rrispettati b'mod sħiħ, hekk kif għandhom jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. [...] Il-valutazzjonijiet tal-impatt jeħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni preċiża, oġġettiva u kompluta u li jkunu proporzjonati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-enfasi tagħhom.

13. Il-Kummissjoni ser tagħmel valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi [...] li jkunu mistennija jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti. Bħala regola ġenerali, l-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jew fid-dikjarazzjoni konġunta ser ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt.

[...] Ir-riżultati finali tal-valutazzjonijiet tal-impatt ser ikunu disponibbli għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea] u l-Parlamenti nazzjonali, u ser ikunu ppubblikati flimkien mal-opinjoni(jiet) tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju meta tiġi adottata l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

14. Il-Parlament [...] u l-Kunsill, meta jikkunsidraw il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni, ser jieħdu kont sħiħ tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Għal dan l-għan, il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jiġu ppreżentati b'tali mod li jiffaċilitaw il-kunsiderazzjoni mill-Parlament [...] u l-Kunsill tal-għażliet li tkun għamlet il-Kummissjoni".

B. Id-dritt Ġermaniż

22 L-Artikolu 5 tal-Gesetz über Personalausweise und den elektronischen Identitätsnachweis (il-Liġi dwar il-Karti tal-Identità u l-Prova tal-Identità Elettronika), tat-18 ta' Ġunju 2009 (BGBl. I, p. 1346), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"PAuswG"), intitolat "Mudell ta' karta tal-identità; id-data maħżuna", fil-paragrafu 9 tiegħu jipprovdi:

"Iż-żewġ marki tas-swaba tal-applikant [għal karta tal-identità] li għandhom jinżammu fil-mezz ta' ħżin elettroniku skont ir-Regolament [2019/1157] għandhom jinħażnu fil-mezz ta' ħżin u ta' pproċessar elettroniku tal-karta tal-identità fil-forma ta' stampa ċatta tas-swaba' tal-indiċi tax-xellug u tal-lemin. F'każ ta' nuqqas ta' seba' tal-indiċi, jekk il-kwalità tal-marka tas-swaba ma tkunx biżżejjed jew jekk il-ponta tas-seba' jkun danneġġat, l-istampar ċatt jew tas-seba' l-oħxon, jew tas-seba' tan-nofs jew tas-seba' taċ-ċurkett għandu jinħażen bħala sostitut. Il-marki tas-swaba' ma għandhomx jinħażnu jekk it-teħid tal-marki tas-swaba' ma jkunx possibbli għal raġunijiet mediċi li ma humiex temporanji".

23 Skont l-Artikolu 6(1) u (2) tal-PAuswG:

"(1) Il-karti tal-identità għandhom jinħarġu għal perjodu ta' validità ta' għaxar snin.

(2) Qabel l-iskadenza tal-validità ta' karta tal-identità, tista' tintalab karta tal-identità ġdida jekk jista' jkun hemm interess leġittimu għall-ħruġ ta' karta tal-identità ġdida".

24 L-Artikolu 9 tal-PAuswG, intitolat "Ħruġ tal-karta", jipprovdi, fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-karti tal-identità kif ukoll il-karti tal-identità provviżorji għandhom jinħarġu fuq talba lill-Ġermaniżi fis-sens tal-Artikolu 116(1) tal-Liġi Fundamentali".

25 L-Artikolu 28 tal-PAuswG, intitolat "Invalidità", jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"In-nuqqasijiet li jaffettwaw il-mezz elettroniku ta' ħżin u ta' pproċessar ma jaffettwawx il-validità tal-karta tal-identità".

II. Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

26 Fit-30 ta' Novembru 2021, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali talab lill-belt ta' Wiesbaden il-ħruġ ta' karta tal-identità ġdida, minħabba li ċ-ċippa elettronika tal-karta l-qadima tiegħu kienet difettuża. Madankollu, huwa talab li l-karta l-ġdida ma tinkludix il-marki tas-swaba' tiegħu.

27 Il-belt ta' Wiesbaden ċaħdet din it-talba billi bbażat ruħha fuq żewġ raġunijiet. Minn naħa, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma għandux dritt għall-ħruġ ta' karta tal-identità ġdida peress li kien diġà fil-pussess ta' dokument ta' identità validu. Fil-fatt, skont l-Artikolu 28(3) tal-PAuswG, karta tal-identità żżomm il-validità tagħha anki jekk iċ-ċippa elettronika tagħha tkun difettuża. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, sa mit-2 ta' Awwissu 2021, l-integrazzjoni ta' żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità hija obbligatorja skont l-Artikolu 5(9) tal-PAuswG, li jittrasponi l-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157.

28 Fl-21 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors quddiem il-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju, sabiex il-belt ta' Wiesbaden tiġi ordnata toħroġlu karta tal-identità mingħajr ma' jinġabru l-marki tas-swaba' tiegħu.

29 Il-qorti tar-rinviju esprimiet id-dubji tagħha fir-rigward tal-legalita taż-żewġ raġunijiet tad-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. B'mod partikolari, fir-rigward tat-tieni raġuni, hija inklinata li taħseb li l-validità tar-Regolament 2019/1157 jew, tal-inqas dik tal-Artikolu 3(5) tiegħu hija dubjuża.

30 Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan ir-regolament kellux jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 77(3) TFUE u, konsegwentement, fi tmiem il-proċedura leġiżlattiva speċjali prevista minn din id-dispożizzjoni, pjuttost milli abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE u b'applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 77(3) TFUE jirreferi speċifikament għall-kompetenza tal-Unjoni sabiex tadotta, fost oħrajn, dispożizzjonijiet fil-qasam tal-karta tal-identità u għalhekk hija dispożizzjoni iktar speċifika mill-Artikolu 21(2) TFUE. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Schwarz (C-291/12, EU:C:2013:670), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Regolament Nru 2252/2004, sa fejn jistabbilixxi regoli għall-karatteristiċi bijometriċi integrati fil-passaporti, kien validament ibbażat fuq il-punt 2(a) tal-Artikolu 62 KE, li issa jikkorrispondi għall-Artikolu 77(3) TFUE.

31 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tinvoka l-eżistenza possibbli ta' difett proċedurali li vvizzja l-adozzjoni tar-Regolament 2019/1157. Fil-fatt, kif enfasizza l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (iktar 'il quddiem il-"KEPD") fl-Opinjoni 7/2018 tiegħu, tal-10 ta' Awwissu 2018, dwar il-Proposta għal Regolament dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u ta' dokumenti oħra (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 7/2018"), it-teħid u l-ħżin ta' marki tas-swaba' jikkostitwixxu pproċessar ta' data personali li għandha tkun is-suġġett tal-valutazzjoni tal-impatt skont l-Artikolu 35(10) tal-GDPR. Issa, f'dan il-każ, tali valutazzjoni ma twettqitx. B'mod partikolari, id-dokument li jakkumpanja l-imsemmija Proposta għal Regolament, intitolat "Analiżi tal-Impatt", ma jistax jitqies li huwa valutazzjoni tal-impatt fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

32 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod iktar speċifiku dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157 mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta dwar, rispettivament, ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u l-protezzjoni tad-data personali. Fil-fatt, l-obbligu impost fuq l-Istati Membri li joħorġu karti tal-identità li l-mezz ta' ħżin tagħhom jinkludi żewġ marki tas-swaba' jikkostitwixxi limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet irrikonoxxuti minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-Karta, limitazzjoni li tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta.

33 Issa, minn naħa, l-imsemmija limitazzjoni tista' ma tissodisfax għan ta' interess ġenerali. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet, fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Schwarz (C-291/12, EU:C:2013:670), li l-ġlieda kontra d-dħul illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni hija għan irrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, il-karta tal-identità ma hijiex, primarjament, dokument tal-ivvjaġġar, bħall-passaport, u l-għan tagħha huwa biss li tippermetti l-verifika tal-identità ta' ċittadin tal-Unjoni fir-relazzjonijiet tiegħu kemm ma' awtoritajiet amministrattivi kif ukoll ma' persuni privati terzi.

34 Min-naħa l-oħra, jekk jitqies li l-imsemmi regolament isegwi għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni, jeżistu dubji dwar il-proporzjonalità ta' din l-istess limitazzjoni. Fil-fatt, is-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Schwarz (C-291/12, EU:C:2013:670), ma tkunx trasponibbli għar-Regolament 2019/1157, peress li hija relatata mal-passaporti li ż-żamma tagħhom, kuntrarjament għall-karti tal-identità, hija fakultattiva fil-Ġermanja u li l-użu tagħhom għandu għan differenti.

35 Min-naħa l-oħra, mill-Opinjoni 7/2018 jirriżulta li l-fatt li jiġu integrati u maħżuna marki tas-swaba' jkollu effett kunsiderevoli, li jista' jikkonċerna sa 370 miljun ċittadin tal-Unjoni u jissuġġetta potenzjalment 85 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni għat-teħid obbligatorju ta' marki tas-swaba'. Issa, dan l-effett kunsiderevoli, flimkien man-natura sensittiva ħafna tad-data pproċessata (immaġni tal-wiċċ flimkien ma' marki taż-żewġ swaba'), jimplika li l-limitazzjoni magħmula għall-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, li tirriżulta mill-ġbir obbligatorju tal-marki tas-swaba' għall-finijiet tal-istabbiliment tal-karti tal-identità, hija ikbar minn dik għall-passaporti, u dan jeżiġi, min-naħa l-oħra, ġustifikazzjoni iktar b'saħħitha kif ukoll eżami bir-reqqa tal-miżura inkwistjoni skont kriterju ta' neċessità stretta.

36 Fi kwalunkwe każ, in-neċessità li jitwettaq stħarriġ strett ta' proporzjonalità tirriżulta wkoll mill-Artikolu 9(1) tal-GDPR li jipprovdi li l-ipproċessar ta' tali data bijometrika huwa, bħala prinċipju, ipprojbit u jista' jiġi awtorizzat biss f'każijiet eċċezzjonali u strettament limitati.

37 F'dan il-kuntest, jekk il-qorti tar-rinviju tqis li l-użu ta' data bijometrika jnaqqas ir-riskju li dokument jista' jiġi ffalsifikat, hija għandha dubji dwar jekk din is-sempliċi ċirkustanza tistax tiġġustifika l-portata tal-limitazzjoni magħmula għad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali fid-dawl, b'mod partikolari, tar-raġunijiet li ġejjin.

38 Qabel kollox, fl-Opinjoni 7/2018 tiegħu, il-KEPD enfasizza li tekniki oħra ta' stampar sigur tad-dokumenti tal-identifikazzjoni, bħall-ologrammi jew il-marki tal-ilma, kienu nettament inqas intrużivi filwaqt li jippermettu ukoll li tiġi evitata l-falsifikazzjoni ta' dawn id-dokumenti u li tiġi vverifikata l-awtentiċità tagħhom. Barra minn hekk, il-fatt li d-dritt Ġermaniż jammetti li karta tal-identità li ċ-ċippa elettronika tagħha hija difettuża tibqa' valida juri li l-elementi fiżiċi, b'mod partikolari l-mikro-ritratti jew is-sovraimpożizzjoni tar-ritratti sensittivi għall-ultravjola, huma suffiċjenti sabiex jiggarantixxu s-sigurtà tal-imsemmija karti.

39 Sussegwentement, l-Artikolu 3(7) tar-Regolament 2019/1157 jawtorizza lill-Istati Membri jeżentaw lit-tfal ta' inqas minn tnax-il sena mill-obbligu li jagħtu l-marki tas-swaba' tagħhom u, fi kwalunkwe każ, jimponilhom li jeżentaw lit-tfal ta' inqas minn sitt snin minn dan l-obbligu, li juri li t-teħid ta' żewġ marki tas-swaba' ma huwiex strettament neċessarju.

40 Barra minn hekk, l-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157 ma josservax il-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data, stabbilit fl-Artikolu 5 tal-GDPR, li minnu jirriżulta li l-ġbir u l-użu ta' data personali għandhom ikunu adegwati, rilevanti u limitati għal dak li huwa neċessarju fid-dawl tal-għanijiet li għalihom hija pproċessata. Fil-fatt, għalkemm jippermetti li tiġi ffavorita l-interoperabbiltà tad-diversi tipi ta' sistemi, il-ġbir ta' żewġ marki tas-swaba' kompleti, u mhux biss tal-punti karatteristiċi ta' dawn il-marki (l-"irqaqat"), iżid ukoll il-kwantità ta' data personali maħżuna u għalhekk ir-riskju ta' serq tal-identità fil-każ ta' żvelar ta' data. Barra minn hekk, dan ir-riskju ma huwiex negliġibbli, peress li ċ-ċipep elettroniċi użati fil-karti tal-identità jistgħu jinqraw minn scanners mhux awtorizzati.

41 Fl-aħħar u essenzjalment, il-limitazzjoni imposta fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tista' ma tkunx leġittima peress li, fl-Opinjoni 7/2018 tiegħu, il-KEPD irrileva li, meta ġie adottat ir-Regolament 2019/1157, in-numru ta' karti tal-identità frawdolenti kien relattivament żgħir fi proporzjon man-numru ta' karti maħruġa (38 870 karta frawdolenti kkonstatati bejn is-sena 2013 u s-sena 2017) u li dan in-numru kien ilu li naqas għal diversi snin.

42 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-obbligu dwar l-integrazzjoni u l-ħżin ta' marki tas-swaba' fil-karti tal-identità skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament [2019/1157], jikser id-dritt tal-Unjoni superjuri, b'mod partikolari:

a) kontra l-Artikolu 77(3) TFUE,

b) kontra l-Artikoli 7 u 8 tal- [Karta]

c) kontra l-Artikolu 35(10) tal-[GDPR]

,u għalhekk abbażi ta' wieħed minn dawn il-motivi huwa invalidu?"

III. Fuq id-domanda preliminari

43 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk dan ir-Regolament 2019/1157 huwiex invalidu, kompletament jew parzjalment, minħabba li, l-ewwel, huwa ġie adottat fuq bażi legali żbaljata, it-tieni, jikser l-Artikolu 35(10) tal-GDPR, u, it-tielet, jikser l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

A. Fuq l-ewwel motiv ta' invalidità, ibbażat fuq l-użu ta' bażi legali żbaljata

44 L-ewwel motiv ta' invalidità imqajjem mill-qorti tar-rinviju jirrigwarda l-punt dwar jekk, wara li kkunsidrat b'mod partikolari r-referenza espliċita għall-karti tal-identità misjuba fl-Artikolu 77(3) TFUE, kif ukoll is-soluzzjoni adottata fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Schwarz (C-291/12, EU:C:2013:670), ir-Regolament 2019/1157 kellu jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 77(3) u b'applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva speċjali li huwa jipprevedi, u mhux, kif kien il-każ, abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE.

1. Osservazzjonijiet preliminari

45 Skont il-ġurisprudenza stabbilita, l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, fejn fosthom jinsabu l-iskop u l-kontenut ta' dan l-att (sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punt 107, kif ukoll tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-157/21, EU:C:2022:98, punt 121).

46 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, meta fit-Trattati tkun teżisti dispożizzjoni iktar speċifika li tista' tikkostitwixxi l-bażi legali tal-att inkwistjoni, dan għandu jkun ibbażat fuq din id-dispożizzjoni (sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-490/10, EU:C:2012:525, punt 44, kif ukoll tat-8 ta' Diċembru 2020, Il-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill, C-626/18, EU:C:2020:1000, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Fl-aħħar, jekk l-eżami ta' att tal-Unjoni juri li dan għandu diversi skopijiet jew li għandu diversi komponenti u jekk wieħed minn dawn l-skopijiet jew minn dawn il-komponenti jista' jiġi identifikat bħala dak prinċipali jew predominanti, filwaqt li l-oħrajn huma biss anċillari jew għandhom biss portata estremament limitata, il-bażi legali sabiex jiġi adottat dan l-att għandha tiġi ddeterminata skont dan l-iskop jew komponent prinċipali. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (ŻPB Antartiku), C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925, punt 77, kif ukoll l-Opinjoni 1/19 (Konvenzjoni ta' Istanbul), tas-6 ta' Ottubru 2021, EU:C:2021:832, punt 286).

2. Fuq il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-Artikolu 21(2) TFUE u tal-Artikolu 77(3) TFUE

48 L-Artikolu 21(2) TFUE jipprovdi li, jekk tidher neċessarja azzjoni tal-Unjoni sabiex tiggarantixxi lil kull ċittadin tal-Unjoni d-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, u sakemm it-Trattati ma jkunux ipprevedew setgħat ta' azzjoni għal dan l-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

49 Minn dan jirriżulta li din id-dispożizzjoni tagħti lill-Unjoni kompetenza ġenerali sabiex tadotta d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu u jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, imsemmi fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE, bla ħsara għas-setgħat ta' azzjoni previsti għal dan l-għan mit-Trattati.

50 Issa, b'differenza mill-Artikolu 21(2) TFUE, l-Artikolu 77(3) TFUE jipprevedi espliċitament tali setgħat ta' azzjoni f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni ta' miżuri dwar passaporti, dwar karti tal-identità, dwar permessi ta' residenza jew dwar kull dokument simili ieħor maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt, imsemmi fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE, ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri.

51 Huwa minnu li l-Artikolu 77(3) TFUE jinsab fit-Titolu V ta' dan it-trattat, iddedikat għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u, b'mod iktar preċiż, fil-Kapitolu 2 ta' dan it-titolu, intitolat "Politika dwar kontrolli fil-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni". Madankollu, skont l-Artikolu 77(1) TFUE, l-Unjoni għandha tiżviluppa politika intiża li tiżgura kemm l-assenza ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, kif ukoll il-kontroll tal-persuni u s-sorveljanza effettiva tal-qsim tal-fruntieri esterni, kif ukoll li tistabbilixxi progressivament sistema integrata ta' ġestjoni ta' dawn il-fruntieri. Issa, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-passaporti, il-karti tal-identità, il-permessi ta' residenza jew kull dokument simili ieħor imsemmija fil-bażi ta' kompetenza previst f'dan l-Artikolu 77(3) jagħmlu parti integrali minn tali politika tal-Unjoni. Fil-fatt, fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni, dawn id-dokumenti jippermettulhom b'mod partikolari li jikkonfermaw il-kwalità tagħhom ta' benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri u

għalhekk li jeżerċitaw dan id-dritt. Għaldaqstant, l-imsemmi Artikolu 77(3) jista' jservi ta' bażi għall-adozzjoni ta' miżuri relatati mal-imsemmija dokumenti jekk tali azzjoni tidher neċessarja sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tal-imsemmi dritt, previst fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE.

52 Din l-interpretazzjoni tal-portata materjali tal-Artikolu 77(3) TFUE la tista' tiġi invalidata mill-iżvilupp storiku li t-trattati kellhom fil-qasam tal-kompetenza tal-Unjoni sabiex tadotta miżuri dwar passaporti, dwar karti tal-identità, dwar permessi ta' residenza u dwar kull dokumenti simili oħra, li jirreferu għalihom il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u lanqas mill-fatt, invokat mill-Gvern Ġermaniż, li din id-dispożizzjoni tipprevedi li hija tiġi applikata "biss jekk it-Trattati [ma] jkunu[x i]pprovdew is-setgħat meħtieġa".

53 Ċertament, it-Trattat ta' Lisbona ħassar id-dispożizzjoni preċedentement stabbilita fl-Artikolu 18(3) KE, li kienet teskludi espressament il-possibbiltà għal-leġiżlatur tal-Unjoni li jirrikorri għall-Artikolu 18(2) KE (li sar l-Artikolu 21(2) TFUE) bħala bażi legali għall-adozzjoni kemm ta' "disposizzjonijiet rigward passaporti, karti ta' l-identità, permessi ta' residenza jew xi dokumenti oħra bħalhom", kif ukoll ta' "disposizzjonijiet dwar sigurtà soċjali jew protezzjoni soċjali". Madankollu, dan it-trattat ta, fl-istess ħin, espressament lill-Unjoni setgħa ta' azzjoni f'dawn iż-żewġ oqsma, jiġifieri, minn naħa, fl-Artikolu 21(3) TFUE fir-rigward tas-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 77(3) TFUE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-passaporti, il-karti tal-identità, il-permessi ta' residenza jew kull dokument simili ieħor, u ssuġġetta l-adozzjoni tal-miżuri fl-imsemmija oqsma għal proċedura leġiżlattiva speċjali, u b'mod partikolari għal vot unanimu fil-Kunsill.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mill-imsemmi tħassir tad-dispożizzjoni preċedentement stabbilita fl-Artikolu 18(3) KE, ma jistax jiġi dedott li minn issa 'l quddiem huwa possibbli li jiġu adottati "disposizzjonijiet rigward passaporti, karti ta' l-identità, permessi ta' residenza jew xi dokumenti oħra bħalhom" abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE. Għall-kuntrarju, mill-evoluzzjoni storika jirriżulta li l-awturi tat-Trattati, permezz tal-Artikolu 77(3) TFUE, kellhom l-intenzjoni li jagħtu lill-Unjoni kompetenza iktar speċifika għall-adozzjoni ta' tali dispożizzjonijiet intiżi li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, iggarantit fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE, mill-kompetenza iktar ġenerali prevista f'dan l-Artikolu 21(2).

55 Barra minn hekk, l-indikazzjoni li tinsab fl-Artikolu 77(3) TFUE li tipprovdi li din id-dispożizzjoni tapplika "biss jekk it-Trattati [ma] jkunu[x i]pprovdew is-setgħat meħtieġa" għandha tinftiehem, fid-dawl tal-istruttura ġenerali tat-Trattat FUE, fis-sens li s-setgħat ta' azzjoni hekk imsemmija ma humiex dawk mogħtija minn dispożizzjoni li għandha portata iktar ġenerali, bħall-Artikolu 21(2) TFUE, iżda minn dispożizzjoni iktar speċifika.

56 Għaldaqstant, l-adozzjoni tar-Regolament 2019/1157 setgħet tkun ibbażata fuq l-Artikolu 21(2) TFUE biss bil-kundizzjoni li l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti ta' dan ir-regolament ikun jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-Artikolu 77(3) TFUE, jiġifieri l-ħruġ ta' passaporti, ta' karti tal-identità, ta' permessi ta' residenza jew ta' kull dokument simili ieħor, sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE.

3. Fuq l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti tar-Regolament 2019/1157

57 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-iskop tar-Regolament 2019/1157, l-Artikolu 1 tiegħu jistabbilixxi li huwa għandu bħala għan it-tisħiħ tal-istandards tas-sigurtà applikabbli għall-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom, kif ukoll għad-dokumenti ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu.

58 Fl-istess sens, il-premessa 46 ta' dan ir-regolament tistabbilixxi li l-għanijiet ta' dan tal-aħħar huma li "titjieb is-sigurtà" ta' dawn id-dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità "sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom", kif jikkonfermaw ukoll il-premessi 1, 2, 5, 17, 28, 29 u 36 tal-imsemmi regolament.

59 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kontenut tar-Regolament 2019/1157, għandu jiġi rrilevat li dan tal-aħħar jinkludi 16-il artikolu. L-Artikoli 1 u 2 ta' dan ir-regolament jiddefinixxu, rispettivament, is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni. L-Artikoli 3 u 4 kif ukoll 6 u 7 tal-imsemmi regolament, li jikkostitwixxu l-komponenti prinċipali, jistabbilixxu, fost oħrajn, ir-rekwiżiti f'termini ta' sigurtà, ta' kontenut, ta' format jew ta' speċifikazzjonijiet li l-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza maħruġa mill-Istati Membri għandhom josservaw, filwaqt li l-Artikoli 5 u 8 tal-istess regolament jipprevedu t-tneħħija progressiva tal-karti tal-identità u tal-karti ta' residenza li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti li huwa jistabbilixxi. Fl-aħħar, l-Artikoli 9 sa 16 tar-Regolament 2019/1157 jippreċiżaw il-mod li bih għandhom jiġu implimentati l-obbligi li huwa jipprevedi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi u l-protezzjoni tad-data personali.

60 Ċertament, l-Artikolu 2 tar-Regolament 2019/1157 jindika li dan japplika mhux biss għall-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom stess, iżda wkoll għaċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/38 liċ-ċittadini tal-Unjoni li jkunu ilhom residenti għal iktar minn tliet xhur fi Stat Membru ospitanti u għad-dokumenti li jiċċertifikaw ir-residenza permanenti maħruġa skont l-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, liema ċertifikati u dokumenti ma jistgħux jiġu assimilati mal-karti tal-identità, mal-passaporti jew mal-permessi ta' residenza. Madankollu, ir-Regolament 2019/1157 ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni li tirregola dawn iċ-ċertifikati u huwa limitat biex jindika, fl-punt (f) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, li d-dokumenti ta' residenza maħruġa mill-Istat Membri liċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni li għandha tidher fiċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni u fid-dokumenti li jagħtu prova tal-permanenza tar-residenza skont, rispettivament, l-Artikoli 8 u 19 tad-Direttiva 2004/38. Bħala konsegwenza, l-iskop u l-komponent ta' dan ir-regolament li huma marbuta ma' dawn iċ-ċertifikati għandhom jiġu kkunsidrati bħala li għandhom portata estremament limitata, tali li l-bażi legali tal-imsemmi regolament ma tistax tiġi determinata fir-rigward ta' dan l-iskop jew ta' dan il-komponent.

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mill-iskop u mill-komponenti prinċipali tar-Regolament 2019/1157 jirriżulta li dan jinsab fost l-atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-Artikolu 77(3) TFUE, kif identifikat fil-punti 48 sa 51 ta' din is-sentenza.

62 Konsegwentement, billi adotta r-Regolament 2019/1157 abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE, il-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 77(3) TFUE u uża proċedura leġiżlattiva mhux xierqa.

63 Minn dan isegwi li l-ewwel motiv ta' invalidità invokat mill-qorti tar-rinviju, ibbażat fuq il-fatt li r-Regolament 2019/1157 ġie adottat b'mod żbaljat abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE u b'applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, huwa ta' natura li jwassal għall-invalidità ta' dan ir-regolament.

B. Fuq it-tieni motiv ta' invalidità, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 35(10) tal-GDPR

64 It-tieni motiv ta' invalidità invokat mill-qorti tar-rinviju huwa preżentat bħala li huwa bbażat fuq il-fatt li r-Regolament 2019/1157 kien ġie adottat mingħajr ma twettqet valutazzjoni tal-impatt relatata mal-protezzjoni tad-data, bi ksur tal-Artikolu 35(10) tal-GDPR.

65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 35(1) tal-GDPR jipprovdi li, meta tip ta' pproċessar, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, u fid-dawl tan-natura, tal-portata, tal-kuntest u tal-għanijiet tal-ipproċessar, ikun jista' joħloq riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi, il-kontrollur għandu jwettaq, qabel l-ipproċessar, valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti fuq il-protezzjoni tad-data personali. L-Artikolu 35(3) ta' dan ir-regolament jippreċiża li tali valutazzjoni hija meħtieġa fil-każ ta' pproċessar fuq skala kbira ta' kategoriji partikolari ta' data msemmija fl-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament, bħad-data bijometrika sabiex tiġi identifikata persuna fiżika b'mod uniku.

66 Peress li, f'dan il-każ, ir-Regolament 2019/1157 ma jwettaq huwa stess ebda operazzjoni applikata għal data jew għal settijiet ta' data personali, iżda sempliċement jipprevedi t-twettiq mill-Istati Membri ta' ċertu pproċessar fil-każ ta' talba għal karta tal-identità, għandu jiġi kkonstatat li l-adozzjoni ta' dan ir-regolament ma kinitx suġġetta għat-twettiq minn qabel ta' valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti, fis-sens tal-Artikolu 35(1) tal-GDPR. Issa, l-Artikolu 35(10) ta' dan ir-regolament jistabbilixxi deroga mill-Artikolu 35(1) tal-imsemmi regolament.

67 Minn dan isegwi li, peress li, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-Artikolu 35(1) tal-GDPR ma kienx intiż li jiġi applikat fil-waqt tal-adozzjoni tar-Regolament 2019/1157, din l-adozzjoni ma setgħetx tikser l-Artikolu 35(10) tar-Regolament 2016/679.

68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 35(10) tal-GDPR, ma huwiex ta' natura li jwassal għall-invalidità tar-Regolament 2019/1157.

C. Fuq it-tielet motiv ta' invalidità, ibbażat fuq l-inkompatibbiltà tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157 mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta

69 It-tielet motiv ta' invalidità tar-Regolament 2019/1157 invokat mill-qorti tar-rinviju jirrigwarda l-punt dwar jekk l-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' kompleti fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri, previst fl-Artikolu 3(5) ta' dan ir-regolament, jinvolvix limitazzjoni mhux iġġustifikata tad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

1. Fuq l-eżistenza ta' limitazzjoni

70 L-Artikolu 7 tal-Karta jipprevedi, b'mod partikolari, li kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tagħha. Skont l-Artikolu 8(1) tagħha, kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha. Minn dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija flimkien, jirriżulta li, bħala prinċipju, kull ipproċessar tad-data personali minn terz jista' jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet imsemmija (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Schwarz, C-291/12, EU:C:2013:670, punt 25).

71 F'dan il-każ, l-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157 jipprovdi li l-mezz ta' ħżin sigur ħafna li għandu jintegra l-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom stess għandu jkun fih data bijometrika, jiġifieri immaġni tal-wiċċ u żewġ marki tas-swaba' f'formati diġitali interoperabbli.

72 Issa, tali data personali tippermetti l-identifikazzjoni preċiża tal-persuni fiżiċi kkonċernati u għandha sensittività partikolari minħabba riskji sinjifikattivi għal-libertajiet u għad-drittijiet fundamentali li l-użu tagħha jista' jippreżenta, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-premessa 51 tal-GDPR, regolament li japplika għad-data inkwistjoni, kif tfakkar il-premessa 40 tar-Regolament 2019/1157.

73 Konsegwentement, l-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità, previst fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157, jikkostitwixxi limitazzjoni kemm tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata kif ukoll tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, stabbiliti rispettivament fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

74 Barra minn hekk, dan l-obbligu jimplika t-twettiq minn qabel ta' żewġ operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali suċċessivi, jiġifieri l-ġbir tal-imsemmija marki tas-swaba' mingħand il-persuna kkonċernata u sussegwentement il-ħżina provviżorja tagħhom għall-finijiet tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità, liema operazzjonijiet huma rregolati mill-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament. L-imsemmija operazzjonijiet jikkostitwixxu wkoll limitazzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

2. Fuq il-ġustifikazzjoni tal-limitazzjoni

75 Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, iggarantiti rispettivament fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, ma humiex prerogattivi assoluti, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-funzjoni tagħhom fis-soċjetà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2022, SpaceNet u Telekom Deutschland, C-793/19 u C-794/19, EU:C:2022:702, punt 63).

76 Għaldaqstant, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet, sakemm, konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, dawn ikunu previsti mil-liġi u jirrispettaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet. Barra minn hekk, skont it-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss jekk dawn ikunu neċessarji u jkunu jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew ikunu jissodisfaw il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(2) tal-Karta jippreċiża li d-data personali għandha, b'mod partikolari, tiġi pproċessata "għal finijiet determinati u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi".

a) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' legalità

77 Fir-rigward tar-rekwiżit, stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, li kull limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet irrikonoxxuti minnha għandha tkun prevista mil-liġi, għandu jitfakkar li dan ir-rekwiżit jimplika li l-att li jippermetti l-indħil f'dawn id-drittijiet għandu jiddefinixxi huwa stess il-portata tal-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt ikkonċernat, filwaqt li huwa ppreċiżat, minn naħa, li dan ir-rekwiżit ma jeskludix li l-limitazzjoni inkwistjoni tkun ifformulata f'termini suffiċjentement miftuħa sabiex tkun tista' tiġi adattata għal każijiet differenti kif ukoll għall-bidliet fis-sitwazzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', jekk ikun il-każ, tippreċiża, permezz ta' interpretazzjoni, il-portata konkreta tal-limitazzjoni fir-rigward kemm tat-termini stess tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni kif ukoll tal-istruttura ġenerali tagħha u tal-għanijiet imfittxija minnha, kif interpretati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2022, Ligue des droits humains, C-817/19, EU:C:2022:491, punt 114).

78 F'dan il-każ, il-limitazzjonijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li jirriżultaw mill-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' kompleti fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni u l-portata ta' dawn il-limitazzjonijiet huma ddefiniti b'mod ċar u preċiż mill-Artikolu 3(5) u mill-Artikolu 10(1) u (3) tar-Regolament 2019/1157, adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u li l-effetti tagħhom ser jinżammu permezz ta' din is-sentenza.

79 Konsegwentement, l-imsemmija limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta jissodisfaw il-prinċipju ta' legalità msemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

b) Fuq ir-rispett tal-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta

80 Għandu jiġi kkonstatat li l-informazzjoni pprovduta mill-marki tas-swaba' ma tippermettix, waħedha, li tingħata deskrizzjoni tal-ħajja privata u tal-familja tal-persuni kkonċernati.

81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-limitazzjoni li jinvolvi l-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri, previst fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157, ma tippreġudikax il-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2022, Ligue des droits humains, C-817/19, EU:C:2022:491, punt 120).

c) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità

82 Kif jirriżulta mit-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, sabiex ikunu jistgħu jsiru limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti minnha b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dawn il-limitazzjonijiet għandhom ikunu neċessarji u effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

83 B'mod iktar speċifiku, id-derogi mill-protezzjoni tad-data personali u l-limitazzjonijiet tagħha għandhom isiru fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju, peress li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija, għandha tintgħażel dik li hija l-inqas oneruża minn dawn. Barra minn hekk, għan ta' interess ġenerali ma jistax jiġi leġittimament segwit mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa għandu jkun irrikonċiljat mad-drittijiet fundamentali kkonċernati mill-miżura inkwistjoni, u dan billi jinstab bilanċ bejn, minn naħa, l-għan ta' interess ġenerali u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet inkwistjoni, sabiex jiġi żgurat li l-inkonvenjenzi kkawżati minn din il-miżura ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet mixtieqa. Għalhekk, il-possibbiltà li tiġi ġġustifikata limitazzjoni għad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta għandha tiġi evalwata billi titkejjel il-gravità tal-indħil li tinvolvi tali limitazzjoni u billi jiġi vverifikat li l-importanza tal-għan ta' interess ġenerali segwit minn din il-limitazzjoni hija marbuta ma' din il-gravità (sentenza tat-22 ta' Novembru 2022, Luxembourg Business Registers, C-37/20 u C-601/20, EU:C:2022:912, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

84 Konsegwentement, sabiex jiġi vverifikat jekk, f'dan il-każ, l-indħil fid-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li jirriżulta mill-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità, previst fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157, josservax il-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi eżaminat, l-ewwel, jekk din il-miżura ssegwix għan wieħed jew iktar ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni u hijiex effettivament adatta sabiex tilħaq dawn l-għanijiet, it-tieni, jekk l-indħil li jirriżulta minn dan huwa limitat għal dak li huwa strettament neċessarju, fis-sens li l-imsemmija għanijiet ma jistgħux raġonevolment jintlaħqu b'mod daqstant effikaċi permezz ta' mezzi oħra li jippreġudikaw inqas dawn id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, u, it-tielet, jekk l-imsemmi ndħil ma huwiex sproporzjonat meta mqabbel mal-għanijiet, li jimplika b'mod partikolari bbilanċjar ta' dawn l-għanijiet u tal-gravità tal-imsemmi ndħil (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2022, Luxembourg Business Registers, C-37/20 u C-601/20, EU:C:2022:912, punt 66, kif ukoll tat-8 ta' Diċembru 2022, Orde van Vlaamse Balies *et*, C-694/20, EU:C:2022:963, punt 42).

1) Fuq it-tfittxija ta' wieħed jew ta' iktar mill-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni u l-kapaċità tal-miżura li tilħaq dawn l-għanijiet

i) Fuq in-natura ta' interess ġenerali tal-għanijiet imfittxija mill-miżura inkwistjoni

85 Skont l-Artikolu 1 tiegħu, ir-Regolament 2019/1157 għandu l-għan li jsaħħaħ l-istandards ta' sigurtà applikabbli, b'mod partikolari, għall-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tagħhom meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu.

86 B'mod iktar speċifiku u kif jirriżulta mill-premessi 4, 5, 17 sa 20, u 32 tar-Regolament 2019/1157, l-integrazzjoni tad-data bijometrika, li tinkludi żewġ marki tas-swaba' kompleti, fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità hija intiża li tiggarantixxi l-awtentiċità tal-imsemmija karti kif ukoll li tippermetti l-identifikazzjoni affidabbli tad-detentur tagħhom, filwaqt li tikkontribwixxi, konformement mal-premessi 23 u 33 kif ukoll mal-Artikolu 3(5) ta' dan ir-regolament, għall-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tad-dokumenti ta' identifikazzjoni, bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' falsifikazzjoni u ta' frodi tad-dokumenti.

87 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tiddeċiedi, fir-rigward tal-ħruġ tal-passaporti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Schwarz, C-291/12, EU:C:2013:670, punti 36 sa 38) kif ukoll tal-istabbiliment ta' fajl ta' identifikazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi

(ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, A *et*, C-70/18, EU:C:2019:823, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), li l-ġlieda kontra l-frodi tad-dokumenti, li tinkludi, b'mod partikolari, il-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u kontra s-serq tal-identità, tikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni.

88 Fir-rigward tal-għan ta' interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tad-dokumenti ta' identifikazzjoni, dan għandu wkoll tali natura peress li, kif jirriżulta mill-premessa 17 tar-Regolament 2019/1157, dan jikkontribwixxi sabiex jiffaċilita l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tad-dritt rrikonoxxut lilhom mill-Artikolu 20 TFUE li jiċċaqilqu u li jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri.

ii) Fuq l-kapaċità tal-miżura inkwistjoni sabiex tissodisfa effettivament l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija

89 F'dan il-każ, l-integrazzjoni ta' żewġ marki tas-swaba' kompleti fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità hija xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali tal-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u s-serq tal-identità kif ukoll tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika, imressqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiġġustifika din il-miżura.

90 Fil-fatt, qabelxejn, l-integrazzjoni ta' data bijometrika, bħal marki tas-swaba' diġitali, fil-karti tal-identità tista' tirrendi iktar diffiċli l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz, sa fejn, b'mod partikolari, konformement mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157, moqri flimkien mal-Artikolu 14(1) u (2) ta' dan ir-regolament, tali data għandha tinħażen skont speċifikazzjonijiet tekniċi preċiżi u tista' tinżamm sigrieta.

91 Sussegwentement, l-integrazzjoni ta' tali data bijometrika tikkostitwixxi mezz li jippermetti, konformement mal-Artikolu 11(6) u mal-premessi 18 u 19 tar-Regolament 2019/1157, li tiġi vverifikata, b'mod affidabbli, l-awtentiċità tal-karta tal-identità u l-identità tad-detentur tal-karta, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' frodi.

92 Fl-aħħar, l-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jipprevedi l-integrazzjoni tal-marki tas-swaba' kompluti tidher ukoll li hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tal-karti tal-identità peress li l-użu tal-marki tas-swaba' kompleti jippermetti li tiġi żgurata kompatibbiltà mas-sistemi awtomatizzati kollha ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' użati mill-Istati Membri, minkejja li tali sistemi ma jużawx neċessarjament l-istess mekkaniżmu ta' identifikazzjoni.

93 Il-qorti tar-rinviju tosserva wkoll li l-Artikolu 3(7) tar-Regolament 2019/1157 jawtorizza, fl-ewwel subparagrafu tiegħu, lill-Istati Membri jeżentaw mill-ġbir tal-marki tas-swaba' tagħhom b'mod partikolari t-tfal ta' inqas minn tnax-il sena u jimponilhom ukoll, fit-tieni subparagrafu tiegħu, li jeżentaw lit-tfal ta' inqas minn sitt snin minn din il-ġabra.

94 Ċertament, leġiżlazzjoni tkun adegwata sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat biss jekk il-miżuri li hija tipprevedi jirrispondu verament għar-rieda li dan jintlaħaq u jekk dawn jiġu implimentati b'mod koerenti u sistematiku (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023, Nordic Info, C-128/22, EU:C:2023:951, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

95 Madankollu, ir-Regolament 2019/1157 jissodisfa dan ir-rekwiżit minkejja li jipprevedi eżenzjonijiet għall-obbligu li jipproċedi għall-ġbir tal-marki tas-swaba' tat-tfal, peress li, kif jirriżulta mill-premessa 26 tiegħu, dawn l-eżenzjonijiet huma intiżi li jieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tat-tfal.

96 L-istess japplika fir-rigward tar-regola stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament 2019/1157, li tgħid li l-karti tal-identità li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jitilfu l-validità tagħhom biss meta jiskadu jew sa mhux iktar tard mit-3 ta' Awwissu 2031. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis li tali perijodu tranżitorju kien xieraq sabiex jiġi evitat għall-Istati Membri l-obbligu li joħorġu karti tal-identità ġodda għall-persuni kkonċernati kollha f'perijodu qasir ħafna, mingħajr madankollu ma jqiegħed inkwistjoni l-effikaċja fit-tul tal-miżuri previsti minn dan ir-regolament.

97 Fir-rigward tal-fatt li ċerti Stati Membri jipprevedu fil-leġiżlazzjoni tagħhom li l-karti tal-identità li huma joħorġu jibqgħu validi minkejja n-natura difettuża tal-mezz elettroniku ta' ħżin, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li tali leġiżlazzjonijiet huma kompatibbli mar-Regolament 2019/1157 biss sa fejn il-perijodu tranżitorju msemmi fil-punt preċedenti jkun għadda.

2) Fuq in-natura neċessarja tal-użu tal-miżura inkwistjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija

98 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-prinċipju stess li jiġu integrati marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità, għandu jitfakkar li l-marki tas-swaba' jikkostitwixxu mezzi affidabbli u effikaċi sabiex tiġi stabbilita b'ċertezza l-identità ta' persuna u li l-proċess użat għall-finijiet tal-ġbir ta' dawn il-marki tas-swaba' huwa sempliċi biex jiġi implimentat.

99 B'mod partikolari, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 90 tal-konklużjonijiet tagħha, is-sempliċi inklużjoni ta' immaġni tal-wiċċ tikkostitwixxi mezz ta' identifikazzjoni inqas effikaċi mill-inklużjoni, minbarra din l-immaġni, ta' żewġ marki tas-swaba', peress li x-xjuħija, il-mod ta' ħajja, il-marda jew intervent kirurġiku estetiku jew ta' rikostruzzjoni jistgħu ibiddlu l-karatteristiċi anatomiċi tal-wiċċ.

100 Huwa minnu li l-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta għal regolament li wassal għar-Regolament 2019/1157 indikat li kellha tingħata prijorità lill-għażla li ma ssirx obbligatorja l-integrazzjoni ta' żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità.

101 Madankollu, minbarra l-fatt li l-Kummissjoni stess għażlet li ma żżommx din l-għażla fil-proposta leġiżlattiva tagħha, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-Ftehim Interistituzzjonali jipprevedi, fil-punt 14 tiegħu, li, waqt l-eżami tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, dan l-istess ftehim jindika, fil-punt 12 tiegħu, li tali valutazzjonijiet "huma għodda biex tgħin lit-tliet Istituzzjonijiet jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba u mhumiex sostitut għal deċiżjonijiet politiċi fil-proċess demokratiku tat-teħid ta' deċiżjonijiet". Konsegwentement, minkejja li huma obbligati jieħdu inkunsiderazzjoni l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill ma humiex marbuta bil-kontenut tagħhom, b'mod partikolari, fir-rigward tal-evalwazzjonijiet li jinsabu fihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-5/16, EU:C:2018:483, punt 159, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

102 Konsegwentement, is-sempliċi fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta miżuri differenti u, skont il-każ, iktar vinkolanti minn dawk rrakkomandati fl-aħħar tal-valutazzjoni tal-impatt ma huwiex tali li juri li huwa eċċeda l-limiti ta' dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Pillbox 38, C-477/14, EU:C:2016:324, punt 65).

103 F'dan il-każ, l-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni kkonstatat li l-għażla li tirrendi obbligatorja l-integrazzjoni tal-marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità kienet l-iktar effettiva sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku tal-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u ta' titjib tal-awtentikazzjoni tad-dokumenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għażla li tikkonsisti f'li ma ssirx obbligatorja tali integrazzjoni ma tistax, fi kwalunkwe każ, tqiegħed inkwistjoni n-neċessità, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 84 ta' din is-sentenza, tal-miżura adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

104 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-integrazzjoni taż-żewġ marki tas-swaba' kompleti pjuttost milli biss ta' wħud mill-punti karatteristiċi ta' dawn il-marki (l-"irqaqat"), minn naħa, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 93 tal-konklużjonijiet tagħha, l-irqaqat ma għandhomx l-istess garanziji bħal marka kompleta. Min-naħa l-oħra, l-integrazzjoni ta' marka kompleta hija neċessarja għall-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tad-dokumenti tal-identifikazzjoni, li huwa wieħed mill-għanijiet essenzjali mfittxija. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 47 tal-Opinjoni 7/2018 u kif tenfasizza wkoll il-qorti tar-rinviju, l-Istati Membri jużaw teknoloġiji differenti għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba', b'tali mod li l-fatt li jiġu integrati fil-mezz ta' ħżin tal-karta tal-identità biss ċerti karatteristiċi ta' marki tas-swaba' jkollu l-effett li jikkompromietti l-kisba tal-għan tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tad-dokumenti ta' identifikazzjoni imfittxija mir-Regolament 2019/1157.

105 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-limitazzjonijiet imposti fuq id-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li jirriżultaw mill-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' kompleti fil-mezz ta' ħżin jidhru li josservaw il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju.

3) Fuq l-eżistenza ta' bbilanċjar bejn, minn naħa, il-gravità tal-indħil vis-a-vis id-drittijiet fundamentali preżenti u, min-naħa l-oħra, l-għanijiet imfittxija minn din il-miżura

i) Fuq il-gravità tal-indħil ikkawżat mill-limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta

106 L-evalwazzjoni tal-gravità tal-indħil li jikkawża limitazzjoni għad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta timplika li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tad-data personali kkonċernata, b'mod partikolari n-natura possibbilment sensittiva ta' din id-data, kif ukoll in-natura u l-modalitajiet konkreti tal-ipproċessar tad-data, b'mod partikolari n-numru ta' persuni li għandhom aċċess għal din id-data u l-modalitajiet ta' aċċess għal din tal-aħħar. Jekk ikun il-każ, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-eżistenza ta' miżuri intiżi sabiex jipprevjenu r-riskju li din id-data tkun is-suġġett ta' ipproċessar abbużiv.

107 F'dan il-każ, il-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li tirriżulta mir-Regolament 2019/1157 ċertament tista' tikkonċerna numru kbir ta' persuni, peress li dan in-numru ġie evalwat mill-Kummissjoni fl-valutazzjoni tal-impatt tagħha għal 370 miljun abitant fuq l-440 miljun abitant li kellha l-Unjoni. Il-marki tas-swaba', bħala data bijometrika, għandhom, min-natura tagħhom, sensittività partikolari, li tgawdi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 51 tal-GDPR, minn protezzjoni speċifika fid-dritt tal-Unjoni.

108 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-ġbir u l-ħżin ta' żewġ marki tas-swaba' kompluti huma awtorizzati mir-Regolament 2019/1157 biss sabiex dawn il-marki tas-swaba' jiġu integrati fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità.

109 Barra minn hekk, mill-Artikolu 3(5) ta' dan ir-regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 10(3) tiegħu, jirriżulta li, ladarba titwettaq din l-integrazzjoni u l-karta tal-identità tinħareġ lill-persuna kkonċernata, il-marki tas-swaba' miġbura jinżammu biss fil-mezz ta' ħżin tal-imsemmija karta, li huwa, bħala prinċipju, fiżikament miżmum minn din il-persuna.

110 Fl-aħħar, ir-Regolament 2019/1157 jipprevedi sett ta' garanziji intiżi li jillimitaw ir-riskji li, fl-implimentazzjoni tiegħu, tinġabar jew tintuża data personali għal finijiet oħra minbarra t-twettiq tal-għanijiet imfittxija minnu, u dan mhux biss fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali li dan ir-regolament jagħmel obbligatorji, iżda wkoll fir-rigward tal-ipproċessar prinċipali li għalih jistgħu jkunu suġġetti l-marki tas-swaba' integrati fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità.

111 Għalhekk, fir-rigward, l-ewwel, tal-ġbir tad-data, l-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament 2019/1157 jistabbilixxi li l-identifikaturi bijometriċi jinġabru "biss minn persunal kwalifikat u debitament awtorizzat" u li dan il-persunal għandu jikkonforma ruħu ma' "proċeduri xierqa u effettivi għall-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi", peress li dawn il-proċeduri għandhom jirrispettaw id-drittijiet u josservaw il-prinċipji stabbiliti fil-Karta, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 93 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 3(7) ta' dan ir-regolament jinkludi regoli speċjali għat-tfal ta' inqas minn tnax-il sena (l-ewwel u t-tieni subparagrafi) kif ukoll għall-persuni li huwa fiżikament impossibbli li jittieħdulhom l-marki tas-swaba' (it-tielet subparagrafu), peress li dawn l-aħħar persuni huma "eżentati mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-swaba'".

112 It-tieni, fir-rigward tal-ħżin tad-data, minn naħa, ir-Regolament 2019/1157 jobbliga lill-Istati Membri jwettqu l-ħżin, bħala data bijometrika, ta' immaġni tal-wiċċ u ta' żewġ marki tas-swaba'. F'dan ir-rigward, il-premessa 21 ta' dan ir-regolament espressament tippreċiża li ma jipprovdix "bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri, li hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali li trid tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data" u lanqas ma jipprovdi "bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni". Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 10(3) tal-imsemmi regolament jipprevedi li dawn l-"identifikaturi bijometriċi [...] għandhom jinżammu [...] biss sad-data tal-ġbir tad-dokument u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ ta' dak id-dokument" u jippreċiża li, "[w]ara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih".

113 B'mod partikolari jirriżulta li l-Artikolu 10(3) tar-Regolament 2019/1157 ma jippermettix lill-Istati Membri jipproċessaw id-data biometrika għal skopijiet oħra minbarra dawk previsti f'dan ir-regolament. Barra minn hekk, din l-istess dispożizzjoni tipprekludi żamma ċentralizzata ta' marki tas-swaba' li tmur lil hinn mill-ħżin provviżorja ta' dawn il-marki għall-finijiet tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità.

114 Fl-aħħar, l-Artikolu 11(6) tar-Regolament 2019/1157 isemmi l-possibbiltà li d-data bijometrika li tinsab fil-mezz ta' ħżin sigur tkun tista' tintuża, konformement mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt nazzjonali, mill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-aġenziji tal-Unjoni.

115 Fir-rigward tal-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni, dan jawtorizza l-użu ta' data biometrika maħżuna fuq il-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità u tad-dokumenti ta' residenza għall-finijiet tal-verifika tal-awtentiċità tal-karta tal-identità jew tad-dokument ta' residenza.

116 Fir-rigward tal-punt (b) tal-imsemmija dispożizzjoni, dan jipprevedi li d-data bijometrika maħżuna fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità u tad-dokumenti ta' residenza tista' tintuża sabiex tiġi vverifikata l-identità tad-detentur "permezz ta' karatteristiċi komparabbli direttament disponibbli meta jkun obbligatorju bil-liġi li tintwera l-karta tal-identità jew jintwera d-dokument ta' residenza". Issa, tali pproċessar jista' jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati, biss għal finijiet strettament limitati għall-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata u f'kundizzjonijiet iddefiniti b'mod preċiż mil-liġi li jeħtieġu l-preżentazzjoni tal-karta tal-identità jew tad-dokument ta' residenza.

117 F'dak li jirrigwarda, it-tielet, il-konsultazzjoni tad-data bijometrika rreġistrata fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità, għandu jiġi enfasizzat li l-premessa 19 tar-Regolament 2019/1157 tistabbilixxi ordni ta' prijorità fl-użu tal-mezzi ta' verifika tal-awtentiċità tad-dokument u tal-identità tad-detentur, billi tipprevedi li l-Istati Membri għandhom "jivverifikaw primarjament l-immaġni tal-wiċċ" u, jekk neċessarju, sabiex jikkonfermaw mingħajr dubju l-awtentiċità tad-dokument u l-identità tad-detentur, "jivverifikaw [...] il-marki tas-swaba'".

118 Fir-rigward, ir-raba', tar-riskju ta' aċċess mhux awtorizzat għad-data maħżuna, l-Artikolu 3(5) u (6) tar-Regolament 2019/1157 jipprevedi, sabiex dan ir-riskju jiġi limitat kemm jista' jkun, li l-marki tas-swaba' għandhom jinħażnu f'"mezz ta' ħżin sigur ħafna", li għandu "biżejjed kapaċità biex jiggarantixxi l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data". Barra minn hekk, jirriżulta mill-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament li, "[m]eta l-Istati Membri jaħżnu data għas-servizzi elettroniċi, bħall-gvern elettroniku u l-kummerċ elettroniku, fil-karti tal-identità, tali data nazzjonali għandha tkun fiżikament jew loġikament separata", b'mod partikolari, mill-marki tas-swaba' miġbura u maħżuna abbażi tal-imsemmi regolament. Fl-aħħar, mill-premessi 41 u 42 kif ukoll mill-Artikolu 11(4) tal-istess regolament jirriżulta li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għall-ipproċessar korrett tad-data bijometrika, inkluż meta jikkooperaw ma' fornituri esterni ta' servizzi.

ii) Fuq l-importanza tal-għanijiet imfittxija

119 Kif ġie mfakkar fil-punt 86 ta' din is-sentenza, l-integrazzjoni ta' żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità hija intiża sabiex tiġġieled kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u s-serq tal-identità kif ukoll sabiex tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tad-dokumenti ta' identifikazzjoni. Issa, f'dan ir-rigward, hija ta' natura li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ħajja privata tal-persuni kkonċernati kif ukoll, b'mod iktar wiesa', għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu.

120 Barra minn hekk, tali miżura tippermetti li jiġi ssodisfatt il-bżonn, għal kull ċittadin tal-Unjoni, li jkollu mezzi sabiex jidentifika ruħu b'mod affidabbli u, għall-Istati Membri, li jiżguraw li l-persuni li jinvokaw id-drittijiet irrikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni jkunu detenturi tagħhom. Hija tikkontribwixxi ukoll, b'mod partikolari, għall-iffaċilitar tal-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni tad-dritt tagħhom għall-libertà ta' moviment u ta' residenza, li jikkostitwixxi wkoll dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 45 tal-Karta. Għaldaqstant, l-għanijiet mfittxija mir-Regolament 2019/1157, b'mod partikolari permezz tal-integrazzjoni taż-żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità, għandhom importanza partikolari mhux biss għall-Unjoni u l-Istati Membri, iżda wkoll għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

121 Ulterjorment, il-leġittimità u l-importanza ta' dawn l-għanijiet ma humiex kkontestati mill-fatt, imsemmi mill-qorti tar-rinviju, li l-Opinjoni 7/2018 kienet issemmi, fil-paragrafi 24 sa 26 tagħha, li 38 870 każ biss ta' karti tal-identità frawdolenti ġew identifikati bejn is-sena 2013 u s-sena 2017 u li din iċ-ċifra kienet ilha tonqos għal diversi snin.

122 Fil-fatt, anki jekk jitqies li n-numru ta' użu ta' karti tal-identità frawdolenti huwa żgħir, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kienx obbligat jistenna li dan in-numru jiżdied sabiex jadotta miżuri intiżi sabiex jipprevjenu r-riskju ta' użu ta' tali karti, iżda seta', b'mod partikolari fl-interess tal-kontroll tar-riskji, jantiċipa tali żvilupp, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità jkunu osservati.

iii) Ibbilanċjar

123 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li tirriżulta mill-integrazzjoni ta' żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħżin tal-karti tal-identità ma tidhirx, fid-dawl tan-natura tad-data inkwistjoni, tan-natura u tal-modalitajiet tal-operazzjonijiet ta' pproċessar kif ukoll tal-mekkaniżmi ta' salvagwardja previsti, li hija ta' gravità li hija sproporzjonata meta mqabbla mal-importanza tal-għanijiet differenti li din il-miżura ssegwi. Għalhekk, tali miżura għandha titqies li hija bbażata fuq evalwazzjoni bbilanċjata bejn, minn naħa, dawn l-għanijiet u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali inkwistjoni.

124 Konsegwentement, il-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta ma tiksirx il-prinċipju ta' proporzjonalità, b'tali mod li t-tielet motiv ma huwiex ta' natura li jwassal għall-invalidità tar-Regolament 2019/1157.

125 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-Regolament 2019/1157 huwa invalidu biss sa fejn dan ġie adottat abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE.

IV. Fuq iż-żamma ratione temporis tal-effetti tar-Regolament 2019/1157

126 L-effetti ta' att iddikjarat invalidu jistgħu jinżammu għal raġunijiet ta' ċertezza legali, b'mod partikolari meta l-effetti immedjati tas-sentenza li tikkonstata din l-invalidità jwasslu għal konsegwenzi negattivi serji għall-persuni kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Il-Parlament vs Il-Kummissjoni, C-286/14, EU:C:2016:183, punt 67).

127 F'dan il-każ, l-invalidazzjoni tar-Regolament 2019/1157 b'effett immedjat tista' tipproduċi konsegwenzi negattivi serji għal numru kbir ta' ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-sigurtà tagħhom fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

128 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-effetti ta' dan ir-regolament għandhom jinżammu sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jistax jaqbeż sentejn mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara d-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ta' regolament ġdid, ibbażat fuq l-Artikolu 77(3) TFUE, maħsub biex jissostitwih.

V. Fuq l-ispejjeż

129 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, huwa invalidu.**

2) **L-effetti tar-Regolament 2019/1157 jinżammu sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jistax jaqbeż sentejn mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara d-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ta' regolament ġdid, ibbażat fuq l-Artikolu 77(3) TFUE, maħsub biex jissostitwih**.

Firem

[i] Fil-punti 52 u 55 ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.